# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 17**

**Cit. Nru. 204/97 G**

**Salvina u Carmela ahwa Sultana**

**vs**

**Michael Cini, Maria Sultana bhala mandatarja ta' binha msiefer Tancred Sultana; Paul Sultana; David Sultana; Maryanne mart Anthony Micallef; Giuseppa mart Gianni Sultana; Kurun Portelli f'ismu proprju kif ukoll f'isem huh german Joseph, u f'isem Angela mart Nazzareno Said, u f'isem Victoria Theuma; Marianna Sciberras; Pawlina Bezzina; Joseph Portelli; Kelina mart il-mejjet Francis Sultana f'isem uliedha msiefra Maryane Farrugia u Joseph Sultana; Pauline Grima'; George Sultana; u Rose Xiberras**

**L-Att tac-Citazzjoni**

Fil-15 ta' Dicembru, 1998, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza li biha cahdet it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

> "Il-Qorti ;
>
> Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :
>
> Illi tinsab miexja quddiem dina l-Qorti subbasta bin-numru tmienja tal-elf disa' mija u sebgha u disghin (8/97) fl-ismijiet "Emmanuel Sultana et vs George Sultana et" tant illi diga' giet liberata favur Michael Cini wahda mill-proprjetajiet subbastanti u cioe' l-bicca art fabbrikabbli maghrufa bhala "Tal-Balal" fix-Xaghra, Ghawdex u sar id-depozitu opportun permezz ta' cedola fejn qed tintalab ukoll li kull zbankant inkluzi r-rikorrenti jipproducu obbligazzjoni ipotekarja ta' hwejjgu f'kaz ta' evizzjoni jew molestja ;
>
> Illi r-rikorrenti m'humiex lesti jaghtu tali garanzija billi fost il-proprjeta subbastanda u specifikament il-proprjeta' fuq indikata kif ukoll id-dar tlieta u disghin (93) Triq ta' Gorf, Xaghra, Ghawdex huma proprjeta' esklussiva tal-esponenti kif jirrizulta mill-annessi kopji ta' cedoli ta' fidi ta' cens debitament insinwati fir-Registru Pubbliku (Dokument A u Dokument B) ;
>
> Illi ghaldaqstant bl-imsemmija subbasta qeghdin jinbieghu sforzosament porprjetajiet immobbli li jappartjenu, b'att pubbliku u debitament insinwati, esklussivament lill-atturi u mhux ukoll lil terzi persuni u ghal hekk ma hemm ebda lok ghal-licitazzjoni ;
>
> Talbu li din il-Qorti joghgobha :
>
> Tiddikjara l-proceduri kollha tal-imsemmija subbasta nulli u minghajr effett legali in kwantu jolqtu z-zewg proprjetajiet fuq indikati .
>
> Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .
>
> Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament guramentata .

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Cini li eccepixxa illi :

1. Preliminarjament l-irritwalita’ u konsegwenti nullita’ tac-citazzjoni minhabba fl-illogicita’ u konfuzjoni fil-premessi billi dawn la huma logici u wisq inqas jaghmlu sens legali sabiex jiggustifikaw it-talbiet .

2. Preliminarjament ukoll hemm in-nullita’ billi din ma hix il-procedura idonea biex tattakka jew timmodifika l-ordnijiet moghtija f’sentenza li ghaddiet in gudikat . Il-Ligi tillimita b’mod strett u rigoruz il-kazijiet fejn wiehed jista’ jottjeni bdil ta’ decizjoni li ghaddiet in gudikat .

3. Preliminarjament ukoll in-nullita’ tac-citazzjoni in kwantu s-subbasta li l-atturi qeghdin jippruvaw izommu saret fit-termini ta’ sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti liema sentenza ghaddiet in gudikat u taghmel stat fil-konfront tal-atturi stante li kienu kompartecipi fil-kawza li waslet ghaliha . Ghal hekk l-atturi ma jistghux legalment, ghaliex jippretendu li s-sentenza msemmija hija skorretta jattakkaw l-esekuzzjoni taghha minghajr ma jattakkaw anki dak il-gudizzju .

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal premess is-subbasta ghal dak li jirrigwarda l-interess tal-konvenut Cini jigifieri ghal dak li jirrigwarda l-art maghrufa bhala “Tal-Balal” fil-limiti tax-Xaghra, Ghawdex, hija kompletata u saret il-liberazzjoni fit-termini tal-ligi .

5. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal premess din il-kawza hija frott tal-fantasija tal-atturi billi l-istess pretensjonijiet mqanqlin minnhom f’din il-kawza kienu gia’ tqanqlu fil-kors tal-proceduri inizjali cioe’ ic-citazzjoni numru 130/1985 fl-ismijiet “Emmanuel Sultana et vs. George Sultana et” u gia’ gew michuda u ghal hekk hux moghtija lill-atturi li issa jergghu jiehdu a “second chance” u jergghu jipproponu l-istess talba f’gudizzju iehor .

6. Persuna jrid jkollha immaginazzjoni wisq fertili u trid tkun nieqsa ghal kollox mill-iktar principji elementari ta’ regolamenti guridici sabiex timmagina li bis-semplici fatt li wiehed jirredimi cens a tenur mad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 1501 tal-Kodici Civili jista’ dan ifisser xi trasferiment favurih ta’ xi jedd fuq proprjeta’ appartenenti lil hadd iehor .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal- konvenut Michael Cini minnu mahlufa .

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Maria Sultana bhala mandatarja ta’ binha imsiefer Tancred Sultana; Paul Sultana; David Sultana; Maryanne mart Anthony Micallef; Giuseppa mart Ganni Sultana; Kurun Portelli f’ismu proprju kif ukoll f’isem Angela mart Nazzareno Said,

u f'isem Victoria Theuma; Marianna Sciberras; Pawlina Bezzina; Joseph Portelli , li permezz taghha eccepew :

1. Illi in linea preliminari, l-eccipjenti Kurun Portelli ma jirrapprezentax lil huh Joseph Portelli stante illi dan jghix f'Malta, u l-atturi stess iccitawh f'din il-kawza odjerna ;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi ;

3. Illi mhux veru illi d-dar 93, Triq ta' Gorf, Xaghra hija proprjeta' esklussiva tal-atturi, u dwar dan gia hemm gudikat kostitwit mis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Emanuel Sultana et vs. George Sultana et", liema sentenza illum ghaddiet in gudikat u ta' liema l-esponenti qeghdin jitolbu l-allegazzjoni fl-atti tal-process odjern ;

4. Illi semplici cedola ta' depozitu u fidi ta' cens ma jista' qatt ikollha l-effett illi tittrasferixxi l-utili dominju perpetwu favur id-depositant, u se mai, l-atturi jistghu biss jivvantaw kreditu kontra l-utilisti ghar-rimborz ta' sehemhom mill-prezz tal-fidi ta' cens, u mill-ispejjez relativi u xejn aktar ;

5. Illi, anke jekk ghal grazzja tal-argument, datum sed non concessum, l-atturi huma verament proprjetarji esklussivi tal-imsemmija dar, din ma tikkostitwix raguni sufficjenti skond il-ligi sabiex titwaqqaf is-subbasta in kwantu jirrigwarda art illi gia' giet liberata favur il-konvenut Michael Cini :

6. Illi ma hux moghti id-dritt lill-atturi illi jistultifikaw l-effetti ta' sentenza illi gia tifforma gudikat fil-konfront taghhom bil-procedura u fuq il-premessi adottati minnhom f'din il-kawza .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti minnhom mahlufa .

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti George Sultana; Rose Xiberras; Kelina mart il-mejjet Francis Sultana f'isem uliedha msiefra Maryanne Farrugia u Joseph Sultana; u Pauline Grima, li biha eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi ;

2. Illi d-dar bin-numru 93, fi Triq ta' Gorf fix-Xaghra, Ghawdex mhix proprjeta' esklussiva tal-atturi u dwar dan diga' hemm gudikat kostitwit mis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Emanuel

Sultana et vs George Sultana et”, liema sentenza illum ghaddiet in gudikat ;

3. Illi huwa veru illi l-atturi kienu fdew ic-cens fuq il-proprjeta’ indikata izda semplici cedola ta’ depozitu u fidi ta’ cens ma’ tista’ qatt ikollha l-effett illi tittrasferixxi l-utili dominju perpetwu favur id-depositant ;

4. Illi fil-kaz ta’ dan il-fidi l-atturi jistghu biss jivvantaw kreditu kontra l-utilisti ghar-rimborz ta’ sehemhom mill-prezz tal-fidi ta’ cens u mill-ispejjez relattivi ;

5. Illi l-atturi ma jistghux jistultifikaw l-effetti ta’ sentenza illi gia’ tifforma gudikat fil-konfront taghhom bil-procedura addottata minnhom u se mai kellhom jaddottaw il-procedura ta’ ritrattazzjoni u dan fit-terminu prefiss mil-ligi .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' dawn il-konvenuti minnhom mahlufa .

Rat il-verbal taghha tat-30 ta' April 1998 fejn din il-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni fuq l-eccezzjoni tar-'res judicata" .

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi dwar din l-eccezzjoni .

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet ta' l-atturi u tal-konvenuti kollha barra Michael Cini dwar l-istess eccezzjoni .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti flimkien ma' l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Emanuel Sultana et. vs. George Sultana et. (Cit. Nru. 130/85) deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Dicembru 1996 li gew allegati mal-kawza presenti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz tal-kawza odjerna taghhom l-attturi qeghdin jittentaw izommu l-bejgh bis-subbasta tal-proprjetajiet indikati fic-citazzjoni ghar-raguni illi jippretendu illi dawn il-beni jappartjenu esklussivament lilhom u ghalhekk kienu ingustament ser jinbieghu bl-imsemmija subbasta .

Il-konvenuti fost diversi eccezzjonijiet li ressqu ghat-talba ta' l-atturi illi tigi mizmuma din is-subbasta, eccepew ir-'res judicata', u dana ghar-raguni illi l-pretensjonijiet ta' proprjeta' esklussiva f'idejn l-atturi kienu gia gew sollevati, ittrattati u decizi bil-kawza fuq imsemmija "Emanuel Sultana et. vs. George Sultana et. (cit. 130/85) deciza minn din il-Qorti fil-5 ta'

Dicembru 1996 u li ghaddiet ukoll in gudikat billi ma kien sar ebda appell minnha .

Minn ezami akkurat ta' l-atti processwali ta' dik il-kawza jirrizulta illi kienet tittratta minn talba ghall-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-assi ereditarji tal-genituri ta' l-atturi odjerni . L-istess atturi, allura konvenuti f'dik il-kawza, kienu ressqu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwisittiva u anke dik trentennali a favur taghhom dwar l-istess proprjetajiet mertu tal-kawza presenti . Dawn l-eccezzjonijiet ma gewx milqugha u infatti l-Qorti, wara li laqghet it-talbiet ta' l-attturi ghad-divizjoni tal-assi kollha provvenjenti mill-eredita' in kwistjoni, ordnat il-bejgh taghhom in licitazzjoni billi rrizulta li ma kienux komodament divizibbbli .

Issa fic-citazzjoni presenti taghhom l-atturi donnhom qeghdin jaghtu bhala raguni ghaliex il-beni in subbasta jappartjenu esklussivament lilhom, zewg cedoli ta' depositu rigwardanti l-fidi ta' cens aggravanti l-istess proprjeta' (Dokti. A u B), haga illi ma jidhirx illi kienet giet investigata fil-kawza ta' divizjoni li wasslet ghal din is-subbasta .

F'dan l-istadju irid ghalhekk jigi ezaminat u deciz jekk f'dawn ic-cirkostanzi jikkonkorrux l-elementi rikjesti mil-ligi sabiex tintlaqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti dwar ir-'res judicata', u cioe' dawk ta' l-"eadem res, persone, causa" .

M'hemmx dubbju illi l-partijiet f'din il-kawza huma l-istess partijiet li kienu wkoll involuti fil-kawza msemmija (Cit. 130/85), bid-differenza illi fil-kawza presenti gie imharrek ukoll Michael Cini . Pero' dan ta' l-ahhar m'hu hadd hlief is-successur fit-titolu tal-partijiet kollha involuti f'dik il-kawza, in segwitu ghall-allokazzjoni lilu ta' wahda mill-beni in kwistjoni fl-atti tas-subbasta msemmija . Kif tajjeb jirrilevaw il-konvenuti fin-Nota ta' l-osservazzjonijet taghhom :

"Michael Cini dahal fiz-zarbun tal-partijiet kollha u libes id-drittijiet u l-posizzjoni guridika taghhom kollha in kwantu jirrigwardaw dik l-art" b'tali mod illi dak li kien jorbot lill-partijiet bil-gudikat f'dik il-kawza issa jorbot lilu wkoll li dahal minn flokhom .

Ma jidhirx illi huwa kontestat illi z-zewg kawzi jittrattaw l-istess beni provvenjenti mill-eredita' tal-genituri ta' l-atturi . Is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza ghad-divizjoni kienet tinkludi fost ohrajn l-istess bicca art u dar li fil-kawza presenti l-atturi qeghdin jallegaw li jappartjenu lilhom biss. M'hemmx dubbju ghalhekk illi tezisti l-identita' ta' l-oggetti mertu taz-zewg kawzi, b'tali mod illi anke dan l-element gie ampjament sodisfatt .

Jibqa' biss sabiex jigi stabilit jekk jissustix ukoll it-tielet element tal-'eadem causa petendi' . Kif gia nghad aktar 'l fuq fil-kawza ghad-

divizjoni, l-atturi kienu sostnew illi l-art "tal-Balal" u l-fond fi Triq Gorf, it-tnejn ix-Xaghra, Ghawdex, kienu gew akkwistati minnhom bis-sahha tal-preskrizzjoni originarjament dik decennali u mbaghad anke dik trentennali . Ma jidhirx illi fil-kawza presenti qeghdin jingabu ragunijet ohra, ghajr illi l-attur jipprovaw iressqu c-cedoli ghall-fidi minnhom tac-cens aggravanti dawn il-beni (Dok. A u B), bhala indikazzjoni u prova dwar il-pretensjoni taghhom illi dawn il-proprjetajiet saru jappartjenu lilhom esklussivament bis-sahha tal-preskrizzjoni . Imma kif ifissru tant tajjeb il-konvenuti fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet taghhom: " Il-fatt illi illum l-atturi qeghdin jallegaw illi sabu dokumenti godda illi jsahhu t-tezi taghhom ta' l-akkwist tal-proprjeta' bil-preskrizzjoni, ma jammontax ghal bazi ta' azzjoni gdida . Se mai seta' jammonta ghal raguni sabiex l-atturi jitolbu r-ritrattazzjoni tal-kawza originali ai termini tal-artikolu 811(k) tal-Kodici ta' Procedura . L-isfortuna ghall-atturi hija illi huma naqsu illi jipprocedu bit-talba ghar-ritrattazzjoni fiz-zmien perentorju ta' tlett xhur stabiliti fl-istess Kodici . Izda ma huwiex permess lihom illi jeludu d-dekadenza stabilita fil-Kap. 12 billi jintentaw din il-kawza gdida."

Jirrizulta ghalhekk illi gie pruvat ukoll it-tielet element mehtieg sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tar-'res judicata' .

Din il-Qorti zzid tosserva biss illi huwa ovvju illi b'dawn il-proceduri l-atturi ghamlu tentattiv iddisprat sabiex jostakolaw l-esekuzzjoni ta' sentenza ta' din il-Qorti li ghaddiet in gudikat, wara li skada t-terminu ghal-appell u anke ghar-ritrattazzjoni, imma fi kliem il-Qorti ta' l -Appell li taghmel taghha ghax thoss illi japplikaw perfettament ghall-kaz in ezami : "L-imsemmija sentenza ghalhekk ghaddiet irremedjabilment in gudikat u ma jistax l-attur appellant jippretendi li issa ghandu rimedji, illi li kieku kellhom lilu jigu koncessi, jirrendu inutili l-kuncett kollu tar-'res judicata', anzi jistultifikawh ghal kollox . Meta l-imsemmija sentenza ghal ragunijiet li jafhom l-appellant, la giet appellata u lanqas ma ntalbet ritrattazzjoni taghha, u llum skada kull zmien ghar-ritrattazzjoni, hija assumiet karattru ta' veridicita' billi ghaddiet irrimedjabilment in gudikat u llum m'hemmx rimedju legali biex il-kontestazzjoni mertu ta' dik is-sentenza tinfetah mill-gdid . Dik is-sentenza llum hija rrevokabbli u ghalhekk is-sentenza appellata ma tistax tigi revokata." (Vol. LXXV . pt. II p. 377 Appell Civili : Alfred Caruana vs. Angelo Caruana et. deciza : 6.3.91).

Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti dwar ir-'res judicata', tichad it-talba ta' l-atturi bl-ispejjez kollha kontra taghhom”.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-Qorti dehrilha utli li tirriproduci fl-interezza taghha s-sentenza appellata ghaliex anke minn qari tal-konsiderandi ta' l-ewwel Qorti tohrog cara l-inutilita' u l-frivolezza ta' l-azzjoni tentata mill-atturi biex in extremis jipprovaw jistultifikaw il-proceduri ta' subasta ordnata in esekuzzjoni ta' sentenza definittiva tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, fil-kawza fl-ismijiet "Emanuel Sultana et vs. George Sultana et", (Cit. Nru. 130/85) deciza fil-5 ta' Dicembru, 1996, minn liema sentenza ma sar l-ebda appell. Dik is-sentenza kienet inghatat f'kawza ghal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-wirt tal-konjugi Pawlu u Marianna Sultana biex dan jigi diviz bejn l-ghaxar uliedhom jew id-dixxendenti taghhom.

Din il-Qorti ezaminat l-atti ta' dik il-kawza, kif ukoll is-sentenza li biha giet deciza. Ikkonstatat li l-partijiet f'dik il-kawza huma identici bhall-partijiet f'din il-kawza, kif ukoll illi l-Qorti, fis-sentenza taghha, iddecidiet illi l-assi ereditarju tal-konjugi Pawlu u Marianna Sultana ma kienx komodement divizibbli bejn il-partijiet, u konsegwentement ordnat il-bejgh fis-subasta ta' l-assi ereditarju kollu kif deskritt fl-istess sentenza, u dan bl-intervent ta' oblaturi estraneji. Ikkonstatat ukoll li fost il-propjeta' immobbiljari in divizjoni, kien hemm ukoll il-propjeta' li fil-

prezenti azzjoni l-atturi qeghdin jirreklamaw li hi propjeta' esklusiva taghhom.

Din il-Qorti osservat ukoll, kif gustament irrilevat l-ewwel Qorti, illi fil-kawza ghad-divizjoni ta' l-assi tal-genituri korrettement imsejjha *actio familiae erciscunde* l-atturi odjerni wkoll kienu qeghdin jippretendu li din l-istess propjeta' kienet tappartjeni in piena propjeta' lilhom u li kienu hekk akkwistawha permezz ta' preskrizzjoni akkwizittiva. Infatti, f'dik il-kawza huma l-ewwel avanzaw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva decennali ai termini ta' l-art. 885 tal-Kodici Civili, u meta din ma rnexxietx, avanzaw wkoll l-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni akkwizittiva trentennali ai termini ta' l-art. 2248 tal-Kodici Civili. Dawn iz-zewg eccezzjonijiet gew investigati mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri u espressament michuda fis-sentenza taghha tal-5 ta' Dicembru, 1996.

F'din il-kawza l-atturi odjerni qeghdin bl-aktar mod evidenti jergghu ipproponu taht forma ohra t-tezi taghhom illi huma propjetarji assoluti taz-zewg fondi msemmijin fl-att tac-citazzjoni, li kienu dikjarati fis-sentenza li ghaddiet fil-gudikat li kienu jappartjenu lill-eredita' tal-genituri, u allura li ntirtu mill-ulied kollha. Dana bl-istess titolu ta' preskrizzjoni akkwizittiva minnhom avanzat fl-eccezzjonjiet li huma taw

fil-kawza l-ohra u li gew definittivament skartati mis-sentenza li ghaddiet in gudikat.

L-isforzi trasparenti ta' l-atturi f'din il-kawza biex jippruvaw bl-ebda ombra ta' success jikkonvincu l-Qorti li l-kawza petendi f'din l-azzjoni kienet diversa minn dik proposta bl-eccezzjonijet taghhom fil-kawza deciza fis-sentenza tal-5 ta' Dicembru, 1996, kienu assolutament bla bazi u guridikament inaccettabbli. Bizzejjed jinghad li f'din il-kawza huma stess jindikaw il-fatti li fuqhom qeghdin jibbazaw l-allegat titolu ta' proprjeta' fuq il-fondi de quo bhala l-okkupazzjoni taghhom animo domini ghan-numru kbir ta' snin, liema animus huma jippretendu li jistghu jippruvaw bil-fatt li huma hadu hsieb il-manutensjoni ta' l-immobbli ghal hafna snin, u anke ghamlu xoghol strutturali fihom, u mill-fatt illi huma fdew xi cens fi gravanti fuq il-propjeta'. Fatti dawn li jistghu biss ikunu is-sottostrat ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva diga' trattata u deciza mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha li ghaddiet in gudikat.

Din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tahli z-zmien biex tiddibatti jekk kienux jew le jikkorru l-elementi biex jissodisfaw l-eccezzjoni tar-res judicata. Dan gie korrettement u ampjament dibattut fis-sentenza appellata u din il-Qorti ma kellhiex tahli l-hin u l-energija taghha biex tiddiskuti l-ovvju.

L-appellanti mbaghad jergghu jirribadixxu, quddiem din il-Qorti, it-tezi taghhom illi fil-kawza ta' divizjoni (Cit. Nru. 130/95) kemm l-atturi f'din il-kawza, kif ukoll il-konvenuti l-ohra kollha,. minbarra l-konvenut Michael Cini, kienu f'dik il-kawza l-ohra agixxew fil-vesti taghhom ta' eredi tal-mejtin konjugi Sultana. L-appellanti odjerni f'dik il-kawza agixxew "sicut haeres" u mhux "ex iure proprio", waqt li l-provi kollha li gew imressqa minnhom f'dik il-kawza kienu rilevanti u limitati biss ghat-talbiet attrici, u cioe', id-divizjoni ta' l-assijiet ereditarji tal-mejtin konjugi Sultana.

Huma jissottomettu li fil-kawza tal-lum mertu ta' dan l-appell, huma kienu qeghdin jipprocedu "ex iure proprio", u cioe' fi kwalita' diversa minn dik li fiha huma dehru fil-kawza precedenti. Konsegwentement il-konvenuti ma setghu qatt b'success jeccepixxu r-res iudicata ghaliex il-persuni, partijiet fil-kawza, ma kienux identici. Dan hu aggravju ghal kollox specjuz bla ebda fondament fil-ligi. L-appellanti jistghu jahsbu li skoprew xi trovatura ingenjuza minn legalizmu ricerkat li seta' jghinhom biex ikomplu inutilment itawwlu l-proceduri gudizzjarji finalment definiti li kellhom inevitabilment iwasslu ghall-bejgh in subasta tal-propjeta' li kellhom in komun mal-partijiet l-ohra. L-aggravju hu pero' kjarament insostenibbli u tant ma kienx sorrett mill-fatti in kawza, illi din il-Qorti ma tistax ma tqisx li meta nghata l-uniku hsieb ta' l-appellanti kien illi jittantaw jikkonfondu t-trattazzjoni billi jinoltrawh f'dibattitu inutili.

Ezercizzju dan li ma setghax ma jitqiesx bhala abbuz tal-process gudizzjarju.

Infatti bizzejjed jinghad li fil-kawza l-ohra l-appellanti certament kienu citati bhala partijiet imma zgur li kienu hekk citati bhala konvenuti personalment, u fl-ebda kwalita' ohra. Inoltre, u dan hu ferm aktar rilevanti, meta huma ghazlu f'dik il-kawza li jikkontestaw it-talbiet attrici billi jippretendu li huma kienu propjetarji assoluti tal-fondi mertu ta' din il-kawza tramite z-zewg eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni akkwizittiva, indubbjament huma kienu avanzaw dawn l-eccezzjonijiet fil-vesti taghhom personali u mhux qua eredi, kif qeghdin issa f'din l-azzjoni, jippretendu. Infatti li kieku dawk l-eccezzjonijiet kienu gew milqugha mill-ewwel Qorti l-effett kien certament ikun illi l-immobbli msemmija fl-att ta' din ic-citazzjoni kienu jkunu dikjarati li huma propjeta' assoluta ta' l-appellanti personalment.

Ir-riferenza ta' l-appellanti ghas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Spiteri pro et noe vs. Edoardo Busuttil et" deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Mejju, 1944, hi ghal kollox barra minn lokha, kif sewwa rrilevaw uhud mill-konvenuti f'nota ta' sottomissjonijiet responsiva li ghamlu quddiem l-ewwel Qorti. F'dak il-kaz kien aktar minn ovvju li l-partijiet in kawza ma kienux l-istess. Bizzejjed jinghad li wahda mill-atturi, Maria Spiteri, qatt ma kienet parti fil-kawza originali, waqt li ohra

kienet biss qed tezercita d-drittijiet li kienu gia spettanti lil Maria Spiteri, u li ma kienux lilha spettanti fil-kawza l-ohra.  Ma setghax allura jinghad li kien hemm gudikat fil-konfront taghhom.

Din il-Qorti hi ferm sorpriza li l-appellanti f'din il-kawza jibqghu jinsistu fuq argumenti li gew tant tajjeb trattati quddiem l-ewwel Qorti, u minnha gustament skartati u jipproponuhom bhala aggravju quddiem din il-Qorti ta' revizjoni meta kien ovvju li ma kellhom l-ebda ombra ta' sostenn guridiku.  Hi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi gusta l-insistenza  tal-konvenuti kollha li dan l-appell kellu jigi konsidrat li kien frivolu, vessatorju u li kellha tigi komminata kontra l-appellanti l-imposizzjoni tal-piena ta' spejjez doppji a tenur ta' l-art. 223 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.  Din il-Qorti hekk tqis li hu gust li taghmel.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud  bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti, b'dan illi l-appellanti kienu qed jigu kundannati jhallsu lill-appellati spejjez ta' dan l-appell ghal darbtejn.

Dep/Reg

mm